**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta’ Jannar 2023**

Rikors Numru: 333/22 AL

A B

vs

C D E

(M.R. Numru 1818/2014)

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta` Frar tas-sena 2014 ta' Marzu fir-Registru Pubbliku ta` Xinjiang, ic-Cina, hekk kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok A;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieled tifel, F, fl-24 ta' Lulju tas-sena 2015, u għalhekk ghadu minuri;

3. Illi l-partijiet huma separati legalment permezz ta` kuntratt redatt minn Nutar Dottor Elena Farrugia fil-15 ta` April tas-sena 2019 (Ara Dok. B);

4. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li ilhom separati legalment il-fuq minn sentejn (2), u inoltre, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

5. Illi m'hemm l-ebda kwistjoni ta` manteniment vis-a-vis il-partijiet stante li huma kienu rrinunzjaw reciprokament ghal dan id-dritt, skond klawzola 6b tal- anness kuntratt tas-separazzjoni. Il-manteniment tal-minuri jithallas mir-rikorrenti skond-it termini tal-kuntratt.

6. Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal partijiet sabiex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tad-29 ta' Lulju, 2022;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma pprezentax risposta u ma deherx għal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta'April 2019;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejniethom u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.